Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10063/18

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2015/0277 (COD)**

**AVIATION 90**
**RELEX 548**
**CODEC 1047**
**CSC 198**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fis-7 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq[1], ibbażata fuq l-Artikolu 100(2) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Marzu 2017[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.

[1] 14991/15.
[2] ĠU L 75, 10.3.2017, p. 111.

4. Fit-12 ta' Ġunju 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 2/18, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bis-Slovakkja, il-Polonja u r-Repubblika Ċeka jastjenu u Malta u Ċipru jivvutaw kontra;
- jordna li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-*addendum* għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[3] 9946/18.